# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017**

**Numru 20**

**Rikors Numru: 18/12 JD**

**Carmel Mifsud**

**v.**

**Maria Louisa sive Marisa Scicluna,**
**u Stefan Scicluna**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-attur Carmel Mifsud mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tat-13 ta' Marzu 2013 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkundanna lill-konvenut Stefan Scicluna sabiex iħallsu s-somma ta' €50,765.75, oltre l-

imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali spedita u notifikata sad-data tal-effettiv pagament (kif fil-fatt ordnat l-ewwel qorti):

(i) tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuta Maria Louisa sive Marisa Scicluna hija debitriċi fl-ammont ta' €50,765.75 solidalment mal-konvenut l-ieħor Stefan Scicluna u

(ii) konsegwentement tikkundanna lill-istess Maria Louisa sive Marisa Scicluna sabiex b' mod solidali ma' Stefan Scicluna hija tħallas is-somma ta' €50,765.75, oltre l-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali spedita u notifikata sad-data tal-effettiv pagament.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:
>
> "1. Illi r-rikorrenti kien gie nkarigat mill-konvenuti jew min minnhom sabiex iwettqu xoghol ta' kostruzzjoni fuq korp ta' bini li nbena fuq is-sit qabel okkupat mill-fond bla numru u bl-isem *Casa Scicluna,* fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria, Ghawdex konfinanti min-nofsinhar mat-triq punent ma' beni ta' Paul Scicluna, u lvant ma' beni tad-Djocesi ta' Ghawdex jew aventi kawza.
>
> "2. Illi l-kostruzzjoni l-gdida li fuqha hadem l-attur illum tikkonsisti fis-segwenti u cioe':
>
> "(i) Showroom bla numru ufficjali, fuq tliet sulari, u cjoe' fil-*basement, groundfloor* u *intermediate level.*
>
> "(ii) Zewg appartamenti u penthouse bla numru ufficjali, li nternament huma markati bin-numri wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3).

“3. Illi huwa dovut lill-istess attur hlas fl-ammont ta’ hamsin elf, seba’ mija u hamsa u sittin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€50,765.75) liema ammont jinkludi t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) versu hlasijiet ghax-xoghlijiet li huwa ghamel fuq l-istess fond u dana oltre l-interessi dovuti mid-data ta’ l-ittra ufficcjali spedita lill-konvenuti sad-data tal-effettiv pagament;

“4. Illi sabiex ir-rikorrenti jissalvagwardjaw l-interessi taghhom huma qeghdin jipprezentaw kontestwalment mar-Rikors Guramentat odjern fir-Registru ta’ dina l-Onorabbli Qorti mandat ta’ inibizzjoni u mandat ta’ sekwestru u li ghalhekk tali kawza ghandha wkoll sservi sabiex tali mandati jibqghu *in vigore* ai termini tal-ligi;

“L-attur talab ghalhekk lil din il-Qorti joghgobha:

“1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta’ hamsin elf, seba’ mija u hamsa u sittin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€50,765.75) u dana oltre l-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficcjali spedita u notifikata lill-konvenuti sad-data ta’ l-effettiv pagament;

“Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni u mandat ta’ sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficcjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

“Illi l-konvenuti fir-risposta guramentata taghhom eccepew:

“1. Preliminarjament in-nuqqas ta’ ‘locus standi iudicii’ f’din il-kawza da parti tal-konvenuta Maria Louisa sive Marisa Scicluna peress li hija m’ghandha ebda relazzjoni guridika mal-atturi ghaliex hija la nkarigathom u lanqas qatt dehret f’xi ftehim mal-atturi.

“2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess ma huwa dovut ebda ammont mill-konvenuta Maria Louisa sive Marisa Scicluna lill-atturi.

“3. Illi ghal dak li jirrigwarda l-konvenut l-iehor Stefan Scicluna huwa qatt ma nnega li ghandu jhallas l-ammont pretiz mill-atturi. Anzi fuq suggeriment tal-atturi huwa kien dispost li jidhol maghha f’kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu li kien ikollu l-forza ta’ titolu ezekuttiv daqs kull sentenza li l-atturi setghu jew jistghu jottjenu fil-konfront tieghu ser ikollha l-istess effett kontra tieghu daqs l-att pubbliku li l-eccipjenti Stefan Scicluna kien dispost li jaghmel mal-attur. Ghalhekk kwalunkwe spejjez li saru kemm fl-atti kawtelatorji kif ukoll dina l-istanza huma nutili u m’ghandux ibghatihom l-eccipjenti.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni u tal-mandat ta’ sekestru fl-istess ismijiet premessi.

“Semghet ix-xhieda.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attur.

“Rat li l-konvenuti ma pprezentawx in-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom.

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

“**Kunsiderazzjonijiet**

“Illi l-fatti li mhumiex in kontestazzjoni huma s-segwenti:

“(i) L-attur wettaq xoghol konsistenti f’korp ta’ bini li nbena fuq is-sit li qabel kien okkupat mill-fond bla numru u bl-isem Casa Scicluna, fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria, Ghawdex.

“(ii) Casa Scicluna kienet tappartjeni lill-konvenuta Marisa Scicluna u zewgha Lawrence Scicluna, illum mejjet.

“(iii) Il-permessi ghall-izvilupp hargu fuq isem Lawrence Scicluna[1].

“(iv) L-attur hareg kont fl-ammont ta’ €50,765.75 ghax-xoghlijiet imwettqa minnu. Dan l-ammont ma giex kontestat bl-ebda mod u manjiera.

“(v) Dan il-kont hareg fuq isem Stefan Scicluna li huwa l-konvenut u jigi iben Marisa u Lawrence Scicluna.

“(vi) Waqt ix-xoghlijiet ta’ kostruzzjoni Lawrence Scicluna marad u eventwalment miet.

“(vii) Lawrence u Marisa Scicluna taw kuntratt ta’ appalt, li gie redatt permezz ta’ skrittura datata 18 ta’ Frar 2009, lil binhom Stefan Scicluna konsistenti f’*’a contract of works to perform demolition and construction works in site in lieu of Casa Scicluna’.* Din l-iskrittura ma gietx insinwata[2]

“Illi l-kont mahrug mill-attur mhux kontestat u dan hekk kif jirrizulta mir-risposta guramentata u minn dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-20 ta’ Gunju 2012. Ghaldaqstant dan l-ammont huwa ampjament ippruvat.

“Il-punt ta’ divergenza bejn il-partijiet huwa min mill-konvenuti huwa fil-fatt responsabbli ghall-hlas.

[1] Dok EV1 a fol 68 sa 71 tal-process
[2] Xhieda tan-Nutar Dottor Paul George Pisani.

"Illi l-versjonijiet moghtija mill-partijiet huma s-segwenti:

"L-**attur** isostni li x-xoghol gie ordnat minn Lawrence Scicluna u sar proprju a beneficcju ta' Lawrence u Marisa Scicluna. Huwa sostna li kien Lawrence Scicluna li nkarigah u kien imur fuq il-lant tax-xoghol u sahansitra dderigieh anki minfejn jixtri l-materjal.

"Il-konvenuta **Marisa Scicluna** eccepiet li hija mhiex il-legittimu kontradittur u dan peress li hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur. Hija spjegat fl-affidavit taghha[3] li hija u zewgha kienu ddecidew li jixtru r-residenza fejn toqghod illum u jizviluppaw dik li kienu joqghodu fiha ossija s-sit fejn saret il-kostruzzjoni mill-attur. Hija xehdet li sar ftehim ma' binhom Stefan Scicluna li x-xoghol ta' twaqqiegh u rikostruzzjoni tal-bini kellu jkun f'idejh u bhala hlas ta' dan il-konvenut Stefan Scicluna kellu jithallas is-somma ta' wiehed u tmenin elf u hames mitt euro (€81,500) li kienu l-bilanc tal-prezz ta' appartament li kien ser jiehu bhala proprjeta' l-istess Stefan Scicluna mill-blokk ta' bini u kienet saret skrittura fit-18 ta' Jannar 2009 ghand in-Nutar Dottor Pisani. Hija kompliet tispjega li l-blokk ta' bini gdid li nbena, b'eccezzjoni ghall-appartament trasferit lil Stefan Scicluna, jappartjeni lilha u lil zewgha u kien ghalhekk li zewgha kien imur fuq il-lant tax-xoghol. Dan seta' jaghmlu sakemm ma bediex jahdem f'Malta ghaliex qabel kien jahdem f'Bank f'Ghawdex. Hija sostniet li zewgha ma setax imur fuq il-lant tax-xoghol waqt it-twaqqiegh u titliegh mill-gdid tal-bini peress li huwa kien imur u jigi minn Malta kuljum. Xi sena u hames xhur wara li beda jahdem f'Malta kellu dijanjosi tal-cancer u beda t-trattament mill-ewwel u gie anki operat. Huwa miet fis-26 ta' Dicembru 2010.

"Il-konvenut **Stefan Scicluna** jsostni li kien huwa li ha hsieb li jibni l-blokka fejn sar ix-xoghol u rrefera ghall-kuntratt ta' appalt. Huwa xehed li Carmel Mifsud kellu x'jaqsam mieghu biss ta' kif kellu jsir ix-xoghol u ghall-hlas. Kien huwa li kellem lill-Perit Emanuel Vella. Huwa xehed li qabel ma nfethet il-kawza kien hemm diskussjoni biex isir il-hlas pero' l-attur beda jinsisti li ommu taghmel tajjeb ghall-obbligi tieghu.

"In kontro-ezami spjega li peress li huwa kien jahdem fix-xoghol ta' kostruzzjoni u peress li missieru kien jahdem Malta kienu ddecidew li jiehu hsieb huwa l-progett tad-dar tal-genituri tieghu. Il-permessi hargu fuq missieru. Huwa kien ghamel kuntatt mal-Perit ghal kif kienet se titqassam il-blokka u kif ukoll ghar-rigward ta' kwistjonijiet dwar MEPA.

"Illi l-attur[4] xehed testwalment li *'kien gie avvicinani Stefan Scicluna biex naghmel bicca xoghol u bdejt naghmel il-pedamenti'.* Xehed

[3] A fol 75 et seq tal-process
[4] Fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012 a fol 16 et seq tal-process

ukoll *'Nispjega li l-ewwel darba li kien qabbadni ghax-xoghol kien Stefan Scicluna, pero' imbaghad gie wkoll missieru u missieru kemm-il darba kien gie fuq il-lant tax-xoghol. Nghid ukoll illi biex inkompli dejjem missieru kien illi cempilli'.* Huwa spjega li l-kontijiet harighom fuq isem Stefan Scicluna ghaliex meta mar biex ikejjel il-konvenut qallu biex johroghom fuq ismu peress li missieru kien marad u kien ghajjien hafna. Wara xahar li hareg il-kont mar hdejn Stefan Scicluna u talbu ftit zmien ghall-hlas. Wara l-mewt tal-missier rega' ta cans xahar iehor u rega' mar ikellem lil Stefan Scicluna u talbu zmien sakemm issir id-denunzja u jhallsu.

"**Pierre Scicluna,** iben il-konvenuta u hu l-konvenut l-iehor,[5] xehed li huwa jirrisjedi f'Malta. Dwar il-progett in kwistjoni xehed li l-pjan kien li missieru jwaqqa' u jibni l-binja li kienet id-dar residenzjali tal-genituri tieghu. Stefan kellu jiehu hsieb il-binja ghaliex missieru kien mar jahdem Malta dak iz-zmien u kellu l-pjan minn qabel li jmur jahdem Malta u b'hekk ma setax jiehu hsieb huwa. B'hekk ried iqabbad kuntrattur u kien qabbad lil Stefan ghax kien diga' involut f'dak il-qasam tax-xoghol. Missieru beda xoghol f'Malta f'Novembru 2008 u l-bini kien qieghed isir f'dawn iz-zminijiet. Meta missieru kien jahdem f'Malta kien gej u sejjer kuljum ghalkemm kien hemm granet fejn raqad fl-appartament tax-xhud f'Malta. Missieru gie dijanjostikat b'cancer fl-ahhar ta' April 2010. F'dak iz-zmien il-binja kienet kwazi lesta.

"In kontro-ezami huwa kkonferma li l-bini beda ftit zmien qabel ma' missieru mar jahdem f'Malta pero' missieru ma kienx jinvolvi ruhu. B'danakollu ma jfissirx li missieru ma kienx imur fuq is-sit.

"**Il-Perit Emanuel Vella[6]** spjega li Lawrence Scicluna kien kellmu biex japplikalu biex iwaqqa' d-dar 'Casa Scicluna', fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace u minflok jibnu *showroom,* zewg flats u *basement garage.* Xehet l-applikazzjoni mal-MEPA fis-16 ta' Jannar 2008 u l-permess hareg fil-5 ta' Novembru 2008 fuq Lawrence Scicluna. Waqt l-ipprocessar tal-applikazzjoni kien jikkomunika ma' Lawrence Scicluna. Ix-xhud baqa' involut fil-kostruzzjoni sat-tlestija. Waqt li kienet qeghdha ssir il-kostruzzjoni ghal *basement* kellmu Lawrence Scicluna. Ghar-rigward tas-sulari l-ohra kellmuh kemm Lawrence u Stefan Scicluna. Huwa ma jafx min inkariga lill-kuntratturi.

"**Rev. Fr Emanuel Cordina[7]** xehed li huwa ilu habib tal-familja Scicluna ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena. Il-familja kienet iddiskutiet dan il-progett mieghu. Huwa qal li meta Lawrence Scicluna kien se jibda jinzel jahdem Malta kif ukoll gie dijanjostikat li kien marid kien halla f'idejn ibnu Stefan ghat-tkomplija tal-progett.

[5] 5 Fis-seduta tal-25 ta' Lulju, 2012 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Attard Hili
[6] Fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2012 a fol 60 et seq tal-process
[7] 7 Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2012 a fol 85 et seq tal-process

"Illi mir-rizultanzi processwali rrizulta li Lawrence u Marisa Scicluna ddecidew li jwaqqghu d-dar residenzjali taghhom biex isir zvilupp. Lawrence Scicluna kellem lill-Perit Emanuel Vella u saret applikazzjoni mal-MEPA fis-16 ta' Jannar 2008 *'to demolish existing building and construct showroom and two flats'.* Dan il-permess hareg fil-5 ta' Novembru 2008 u hareg fuq isem Lawrence Scicluna. Dan ta' l-ahhar beda jahdem Malta f'Novembru 2008. Il-bini beda proprju f'dawn iz-zminijiet. Huwa kien imur Malta u jirritorna d-dar filghaxija.

"Fit-18 ta' Frar 2009 giet redatta l-iskrittura privata fuq imsemmija bejn Lawrence u Marisa Scicluna u binhom Stefan. Din l-iskrittura mhix insinwata. Fi kwalunkwe kaz din l-iskrittura hija *res inter alios acta* ghall-attur li minn qari taghha jirrizulta li huwa ma kienx firmatarju taghha. Din hija skrittura li tirregola r-relazzjoni biss bejn il-firmatarji. Lejn l-ahhar ta' April 2010 Lawrence Scicluna gie dijanjostikat b'cancer u ghadda minn trattament izda sfortunatament miet fis-26 ta' Dicembru 2010.

"M'hemmx dubbju li l-konvenuta Marisa Scicluna ma kinitx involuta f'dan il-progett izda hija stess fl-affidavit tixhed li hija u zewgha kienu u hija ghadha proprjetarja tal-blokk ta' bini gdid li nbena barra l-appartament li gie trasferit lill-konvenut Stefan. Ma jirrizultax mill-atti min huma l-eredi ta' Lawrence Scicluna u kif iddispona mill-gid tieghu.

"L-attur innifsu xehed li l-ewwel ma avvicinah kien proprju Stefan Scicluna ghalkemm Lawrence Scicluna kien icempillu u jkellmu spiss. Il-kont inhareg fuq isem Stefan Scicluna. L-attur xehed u spjega li nhareg fuq il-konvenut ghax il-missier kien marad u l-konvenut hekk qallu biex jaghmel. Rev. Cordina qal li Lawrence Scicluna kien halla f'idejn ibnu Stefan Scicluna ghat-tkomplija tal-progett. Irrizulta wkoll l-involviment shih ta' Stefan Scicluna f'dan il-progett. Dan huwa kollu korroborazzjoni ta' dak li sostnew il-konvenuti ossija li Stefan kien qieghed jiehu hsieb dan l-izvilupp. Kwindi m'hemmx dubbju li l-kuntratturi kienu wkoll inkarigati mill-istess konvenut.

"Fil-fehma tal-qorti ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuta Marisa Scicluna hija wahda misthoqqa. Infatti din il-qorti hija konvinta li l-attur gie nkarigat biex jaghmel ix-xoghlijiet mill-konvenut Stefan Scicluna. Mhux eskluz li Lawrence Scicluna kien ikellem lill-attur fuq dan il-progett anki ghaliex huwa kellu nteress dirett fil-proprjeta' li kienet qeghdha tigi zviluppata. Biss pero' l-verzjoni moghtija li Lawrence Scicluna kien ikun fuq il-lant tax-xoghol b'mod regolari mhix daqstant kredibbli u dan peress li Lawrence Scicluna beda jahdem Malta f'dawk iz-zminijiet meta bdew ix-xoghlijiet w imbaghad marad serjament.

"Il-Perit Vella ma ftakarx b'mod preciz meta Stefan ha f'idejh it-tkomplija tal-progett pero' huwa xehed li Stefan involva ruhu sew f'dan l-izvilupp u dan lanqas mhu kontradett mill-attur. Kien Stefan Scicluna li avvicina lill-attur. Irrizulta li l-attur talab b'mod verbali ghall-hlas lill-

istess Stefan Scicluna. Ma rrizultax li lill-konvenuta l-ohra qatt avvicinaha b'xi mod sabiex thallsu. Lanqas ma gie michud mill-attur dak li l-istess konvenuti sostnew fir-risposta guramentata ossija li fuq suggeriment ta' l-attur stess Stefan Scicluna kien dispost li jidhol f'kostituzzjoni ta' debitu mal-attur. Dan ma sehhx peress li l-attur beda jinsisti li Marisa Scicluna taghmel tajjeb ghall-obbligi ta' binha. Tajjeb ukoll jigi rilevat li x-xhieda ta' Marisa Scicluna ma gietx kontrastata. Li gara huwa li l-konvenut Stefan Scicluna ltaqa' ma' xi diffikultajiet w allura l-attur qieghed jippretendi l-hlas dovut lilu mill-konvenuta. Filwaqt li m'hemmx dubju li l-konvenuta bbenefikat minn dan l-izvilupp izda huwa evidenti li l-inkarigu nghata minn Stefan Scicluna u mhux minn Lawrence Scicluna. Ghalhekk l-ammont huwa dovut minn Stefan Scicluna li qatt ma cahad li dan l-ammont huwa dovut minnu.

"Ghal dawn il-motivi din il-qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-ewwel zewgt eccezzjonijiet u ghalhekk tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuta Maria Louisa sive Marisa Scicluna, tilqa' t-talba w ghalhekk tikkundanna lill-konvenut Stefan Scicluna sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' hamsin elf, seba' mija u hamsa u sittin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€50,765.75) u dana oltre l-imghax mid-data ta' l-ittra ufficcjali spedita u notifikata sad-data ta' l-effettiv pagament.

"Bl-ispejjez inkwantu jirrigwardaw il-konvenuta Maria Louisa sive Marisa Scicluna ghandhom ikunu a karigu tal-attur, filwaqt li l-ispejjez l-ohra nkuz dawk tal-mandat ta' sekwestru ghandhom jithallsu mill-konvenut Stefan Scicluna".

**<u>Rikors tal-appell tal-attur Carmel Mifsud (02.04.2013)</u>**

**3.** L-attur Carmel Mifsud ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

**4.** Huwa jispjega li din il-kawża hija bbażata neċessarjament fuq ix-xhieda mogħtija fil-kawża u għalhekk isostni li huwa importanti li ssir evalwazzjoni korretta ta' dak li qalu x-xiehda, speċjalment dawk ix-xhieda indipendenti, u cioe` dawk li m'humhiex familjari tal-partijiet.

**5.** L-aggravju tiegħu jikkonsisti f'li l-ewwel qorti "*għażlet siltiet biss minn tali xhieda u liema siltiet taw l-impressjoni li qed jikkorroboraw ix-xhieda mogħtija mill-konvenuti nfushom*".

**6.** Jispjega illi x-xhieda "indipendenti" huma tlieta:

(i) in-Nutar Paul George Pisani,

(ii) il-Perit Arkitett Emanuel Vella, u

(iii) il-qassis Rev. Fr. Emanuel Cordina.

**7.** Fir-rigward tax-xiehda tan-Nutar Pisani, jaċċenna għall-fatt li dan xehed dwar l-iskrittura ta' appalt iffirmata bejn il-konjuġi Lawrence u Maria Louisa sive Marisa Scicluna u binhom Stefan Scicluna. Jgħid li kienet korretta l-ewwel qorti meta kkonkludiet li tali skrittura tirregola biss ir-relazzjoni bejn il-firmatarji u li għalhekk hija *res inter alios acta* fil-konfront tiegħu.

**8.** Fir-rigward tax-xiehda tal-Perit Vella, jaċċenna għall-fatt li dan ix-xhud bl-aktar mod ċar qal illi l-konvenut Stefan Scicluna kien kellmu biss meta l-bini kien wasal fl-istadju tal-aħħar sular, jew dak ta' taħtu. Jgħid li l-perit kien ċar u inekwivoku meta qal li l-konvenut Stefan Scicluna kien biss interessat fl-appartament li kien ser jiġi assenjat lilu u li kien biss u preċiżament f'tali stadju li beda jikkomunika miegħu.

**9.** Fir-rigward tax-xiehda tal-qassis Cordina, isostni li dan ix-xhud huwa x-xhud li neħħa kull dubju dwar min effettivament inkarigah biex jagħmel ix-xogħol. Jilmenta li x-xhieda tiegħu ġiet irrapurtata b'mod superfiċjali ħafna fis-sentenza appellata u li dan iwassal biex wieħed jieħu l-impressjoni li l-istess qassis kien qed jikkorrobora l-verżjoni tal-konvenuti. Jaċċenna partikolarment għal dik il-parti tax-xiehda fejn Cordina xehed illi Lawrence Scicluna kien għadda t-tkomplija tal-proġett f'idejn ibnu Stefan Scicluna meta l-appartamenti kienu kollha lesti fi stat ta' *shell* u li kien jonqos li jitranġaw il-partijiet komuni. Isostni għalhekk illi dan jikkonferma l-verżjoni tiegħu illi l-proġett kien f'idejn Lawrence Scicluna u li kien hu flimkien ma' martu li kienu responabbli minnu.

**<u>Risposta tal-konvenuta Maria Louisa sive Marisa Scicluna (26.04.2013)</u>**

**10.** Il-konvenuta Maria Louisa sive Marisa Scicluna wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma. Tgħid li effettivament it-talba tal-attur għall-ħlas intlaqgħet u li l-konvenut l-ieħor ġie kkundannat iħallsu l-ammont pretiż minnu.

**11.** Fir-rigward tal-iskrittura li hi u żewġha kienu għamlu ma' binhom il-konvenut Stefan Scicluna li dwarha xehed in-nutar Pisani, tgħid illi l-

kumment tal-ewwel qorti li din hija "*res inter alios acta*" mhux ta' konfort għall-attur. Targumenta illi għalkemm hija "*res inter alios acta*" mhux verosimili li wara li żewġha Lawrence Scicluna qagħad jieħu l-iskomdu li jidħol fi skrittura privata ta' appalt quddiem Nutar, imbagħad ser imur jinkariga personalment lill-attur.

**12.** Fir-rigward tax-xiehda tal-perit, tgħid li kif irrimarkat l-ewwel qorti, il-perit effettivament ma ftakarx b'mod preċiż meta Stefan ħa f'idejh it-tkomplija tal-proġett. Tgħid ukoll li kemm dak li xehed il-perit kif ukoll dak li xehed il-qassis iridu jittieħdu fl-isfond tal-iskrittura tal-appalt. Issostni li kieku dawn ix-xiehda kienu jafu bl-eżistenza ta' din l-iskrittura l-perċezzjoni tagħhom, u allura wkoll il-verżjoni tagħhom, kienet tkun xi ftit jew wisq differenti. Targumenta illi ma jistax ikun li wara li żewġha għamel l-iskrittura tal-appalt ma' ibnu kien ser joqgħod jintrometti ruħu u jinkariga lill-attur u lil kuntratturi oħra huwa personalment.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-qorti</u>**

**13.** Fir-rikors ġuramentat tiegħu tat-13 ta' Marzu 2012, l-attur iddikjara illi huwa "*kien ġie inkarigat mill-konvenuti jew min minnhom*[8]" biex jagħmel xogħol konsistenti f'korp ta' bini fuq is-sit li qabel kien okkupat mill-fond Casa Scicluna fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace, Victoria,

[8] enfasi ta' din il-qorti

Għawdex. Ta' dan ix-xogħol sostna li kellu jitħallas l-ammont ta' €50,765.75 u talab lill-qorti tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsuh tali ammont.

**14.** Fix-xiehda tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2012, l-attur xehed illi "*kien ġie avviċinani Stefan Scicluna"* fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-bini in kwistjoni. Reġa' kkonferma illi *"…l-ewwel darba li kien qabbadni għax-xogħol kien Stefan Scicluna*", għalkemm jgħid li missieru Lawrence Scicluna kien jikkomunika ħafna miegħu, u kien anke jtih struzzjonijiet, u li spiss kien imur fuq il-lant tax-xogħol.

**15.** Fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu li ppreżenta quddiem l-ewwel qorti fil-15 ta' Frar 2013 huwa imbagħad sostna li l-ammont kollu pretiż minnu kellu jitħallas speċifikatament mill-konvenuta Louisa sive Marisa Scicluna ad esklużjoni tal-konvenut l-ieħor:

> "*Ix-xogħol kien ordnat u sar a benefiċċju ta' Lawrence Scicluna u għalhekk l-ammont dovut għandu jkun dovut <u>interament minn Maria Louisa sive Marisa Scicluna</u>."*
>
> (enfasi ta' din il-qorti)

**16.** L-ewwel qorti wara li eżaminat il-provi mressqa kkonkludiet illi kien invece il-konvenut Stefan Scicluna dak li effettivament kien ta l-inkarigu lill-attur u għalhekk wara li illiberat lill-konvenuta Maria Louisa sive Marisa Scicluna mill-osservanza tal-ġudizzju, ikkundannat lill-

konvenut Stefan Scicluna jħallas lill-attur is-somma intiera ta' €50,765.75 oltre l-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali spedita u notifikata sad-data tal-effettiv pagament.

**17.** Nonostante li l-ewwel qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex huwa jitħallas l-ammont mitlub minnu, huwa ma kienx sodisfatt li ġie kkundannat speċifikatament il-konvenut Stefan Scicluna biex iħallas l-ammont mitlub minnu.

**18.** Fir-rikors tal-appell tiegħu l-attur isostni li "*kien ċar illi huwa ġie inkarigat jagħmel ix-xogħol minn Lawrence Scicluna*" u li "*l-proġett kien f'idejn Lawrence Scicluna u kien hu flimkien ma' martu li kien responsabbli minnu*." Iżda minkejja li qed isostni li kien Lawrence Scicluna (missier il-konvenut Stefan Scicluna) u mhux Stefan Scicluna li inkarigah biex jagħmel ix-xogħol, xorta waħda jrid lil din il-qorti "*tikkundanna lill-konvenut Stefan Scicluna*" sabiex iħallsu s-somma ta' €50,765.75. In oltre jridha ukoll tiddikjara li l-konvenuta l-oħra, u cioe` Maria Louisa sive Marisa Scicluna hija debitriċi solidalment mal-konvenut Stefan Scicluna u li konsegwentement tikkundannaha tħallas is-somma msemmija b'mod solidali mal-istess Stefan Scicluna.

**19.** Din il-qorti hija pjuttost perplessa b'dak li qed jitlob l-attur f'dan l-appell tiegħu.

**20.** L-ewwel qorti diġa` kkundannat lil Stefan Scicluna biex iħallas lill-attur l-ammont pretiż minnu. Ladarba fir-rikors tal-appell tiegħu l-attur qed jitlob lil din il-qorti biex tikkundanna lil Stefan Scicluna biex iħallsu l-ammont pretiż minnu, jiġi allura li l-attur qed jitlob lil din il-qorti <u>tikkonferma</u> l-konklużjoni tal-ewwel qorti li effettivament kien Stefan Scicluna dak li inkarigah, u allura jiġi li l-attur stess qed jammetti li kien Stefan Scicluna li inkarigah

**21.** Għaldaqstant huwa ferm inġust fil-konfront tal-ewwel qorti li l-attur jiġi jilmenta quddiem din il-qorti li ħassu aggravat li l-ewwel qorti iċċitat siltiet minn xiehda indipendenti liema siltiet "*taw l-impressjoni li qed jikkorroboraw ix-xhieda mogħtija mill-konvenuti nfushom*" (u cioe` li kien Stefan Scicluna il-persuna li inkarigatu) fatt li qed jammetti - anke jekk indirettament - huwa stess!

**22.** Huwa għalhekk wkoll ferm kontradittorju da parti tal-attur li fl-istess rikors tal-appell tiegħu isostni li kien Lawrence Scicluna li inkarigah. Daqstant ieħor huwa assurd da parti tiegħu li jippretendi li din il-qorti għandha tevalwa x-xiehda mill-ġdid sabiex tasal għall-konklużjoni li kien Lawrence Scicluna (u mhux il-konvenut Stefan Scicluna) li inkarigah. A propożitu ta' dan, wieħed neċessarjament jistaqsi: Għaliex l-attur qed jargumenta b'tant insistenza illi kien il-missier, Lawrence

Scicluna, u mhux Stefan Scicluna li tah l-inkarigu? Għaliex l-attur qed isostni b'tant insistenza li Marisa Scicluna (mart il-mejjet Lawrence Scicluna) għandha tiġi kkundannata bħala debitriċi solidalment ma' Stefan Scicluna? It-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet mhix waħda diffiċli. Jidher li l-konvenuta Marisa Scicluna qegħda f'pożizzjoni finanzjarja aħjar minn dik ta' binha Stefan Scicluna u jidher ukoll li dan kien evidenti għall-attur anke fil-mori tal-ewwel kawża. Kien għalhekk li minkejja li fir-rikors ġuramentat tiegħu qal li kien ġie inkarigat "*mill-konvenuti jew min minnhom*" fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu imbagħad insista partikolarment illi kellha tkun il-konvenuta Marisa Scicluna biss, ad esklużjoni tal-konvenut Stefan Scicluna, li kellha tiġi kkundannata tħallas l-ammont pretiż minnu. L-ewwel qorti stess fil-fatt ikkummentat illi "*l-konvenut Stefan Scicluna ltaqa' ma' xi diffikultajiet u allura l-attur qiegħed jippretendi l-ħlas dovut lilu mill-konvenuta*".

**23.** Lil din il-Qorti, iżda, ma rriżultatilha ebda raġuni leġali sabiex issib lil Marisa Scicluna solidament responsabbli mal-konvenut Stefan Scicluna għall-ħlas dovut minnu.

***24.*** Dan l-appell għalhekk ma hu xejn għajr manuvra da parti tal-attur sabiex persuna li għandha aktar likwidita` finanzjarja mill-konvenut Stefan Scicluna tiġi dikjarata debitriċi fil-konfront tiegħu u b'hekk ikun aktar faċli għalih li jieħu s-somma dovuta lilu tax-xogħol li għamel.

Jidher li huwa leġittimu l-kumment li għamlet l-istess konvenuta appellata fir-risposta tal-appell tagħha, meta qalet li l-attur qed jinvolvi lilha fil-kwadru sempliċiment "*sabiex iżid il-garanzija minn fejn jista' jitallas".*

**Decide**

**25.** Għal dawn il-motivi din il-qorti qegħda tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess attur.

U peress din il-Qorti hi tal-fehma li bl-appell tiegħu l-appellant tawwal il-proċeduri mingħajr bżonn tordna lill-attur appellant iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali fl-ammont ta' sitt' mitt euro (€600) kif previst fil-partita 10 tat-Tariffa A fl-iSkeda A tal-Kap. 12.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df